



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Frar 2020
(OR. en)

5798/20

RECH 22
COMPET 28

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Sugġett:	<i>Preparation of the Competitiveness Council on 27-28 February 2020</i> Strategic approach to international cooperation in R&I - <i>Policy debate</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota tal-Presidenza dwar "Approċċ strateġiku għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività fit-28 ta' Frar 2020.

Approċċ strateġiku għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni

Ix-xjenza hija ta' importanza kruċjali għall-prosperità futura tagħna. Il-progress f'ħafna oqsma - mil-limitazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima għat-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini tagħna jew l-iżgurar tar-rispett tal-valuri demokratiċi - ser jiddependi fuq l-avvanzi fir-riċerka u l-innovazzjoni.

B'terz tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tad-dinja, l-Ewropa għadha waħda mis-sistemi bl-aqwa prestazzjoni fid-dinja. Madankollu, l-influwenza dejjem akbar tal-kompetituri globali ewlenin tagħha toħloq sfida għall-pożizzjoni kompetittiva tagħha. Barra minn hekk, l-Unjoni tħabbat wiċċha ma' sfidi interni wkoll. Waħda mill-iktar sistemi nazzjonali kbar u b'saħħithom ta' riċerka fl-Ewropa għadha kif ħarġet mill-UE u l-Unjoni issa għandha tiddetermina r-relazzjoni futura tagħha mar-Renju Unit.

Dan il-kuntest diffiċli għandu jitqies meta jkun qed jiġi definit l-approċċ strateġiku tal-UE għall-kooperazzjoni internazzjonali futura fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I kienet aspett importanti tal-istrateġija esterna tal-UE. It-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea jelenka l-"promozzjoni ta' kooperazzjoni fir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali" [traduzzjoni mhux uffiċjali] bħala waħda mill-attivitajiet ewlenin li l-Unjoni għandha twettaq biex tilħaq l-oġettiv tat-tiżiħ tal-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha. Il-kooperazzjoni internazzjonali għandha tiffaċilita l-parteċipazzjoni f'azzjonijiet konġunti, tippermetti aċċess reċiproku għall-eċċellenza u r-riżorsi tar-riċerka u tippermetti l-kreazzjoni konġunta ta' soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi globali, kif inkorporat fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura li tali kooperazzjoni sservi l-interessi dejjiema tal-UE. Tali kollaborazzjoni teħtieġ ukoll li tiġi vvalutata skont il-prijoritajiet attwali tal-UE, bħall-Patt Ewropew Ekoloġiku u li l-Ewropa tkun lesta għall-era diġitali.

Il-kooperazzjoni internazzjonali mhux biss għandha tippermetti lill-pajjiżi jilhqg għanijiet komuni u jiksbu benefiċċji reċiproċi, iżda wkoll tiffaċilita aktar żvilupp u implimentazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). Bħala tali, il-kooperazzjoni internazzjonali tappoġġa l-qsim u l-istrutturazzjoni sistematiki tal-informazzjoni, il-ġbir ta' għarfien rilevanti u l-possibbiltà ta' moviment liberu għar-riċerkaturi. Ħafna pajjiżi terzi għandhom rabtiet kollaborattivi dejjiema u b'saħħithom fir-R&I mal-UE, u huma involuti fl-implimentazzjoni taż-ŻER sa mill-bidu tagħha. L-integrazzjoni tagħhom fl-ekonomija tal-UE, kif ukoll il-prossimità ġeografika tagħhom, jipprovdu effetti kollaterali pożittivi fuq it-tkabbir ekonomiku tal-UE. In-netwerks u r-rabtiet xjentifiċi b'saħħithom eżistenti huma, b'hekk, importanti.

Waħda mill-aktar għodod importanti tal-Unjoni għall-kooperazzjoni internazzjonali hija l-programm qafas tagħha għar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-kooperazzjoni internazzjonali ġiet integrata b'mod sħiħ mal-FP7, issaħħet f'azzjonijiet f'Orizzont 2020 billi fethithom saħansitra aktar għal sħab internazzjonali, u nġhatat aktar prijorità fil-proposta ta' Orizzont Ewropa. Fil-prattika, madankollu, kollaborazzjonijiet internazzjonali f'Orizzont 2020 naqsu meta mqabbla mal-FP7, li jitlob li tingħata ħarsa bir-reqqa lejn it-tagħlimiet meħuda għall-implimentazzjoni futura. Dawn juru li hemm lok għal titjib biex niġbdu l-aqwa universitajiet tad-dinja, eż. billi nimmodifikaw il-mudell tal-ftehim ta' għotjiet, nissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi, nintroduċu suġġetti ta' aktar rilevanza għall-kooperazzjoni internazzjonali jew inżidu kemm jista' jkun il-kollaborazzjoni f'oqsma ta' interess strateġiku reċiproku, kif diġà mitlub minn xi pajjiżi terzi.

Jenħtieġ li kollaborazzjoni mill-qrib u sinifikanti mas-sħab internazzjonali tkun ibbażata fuq kriterji sodi, li jafu jvarjaw mir-relazzjoni tagħhom mal-UE, il-kapaċità tagħhom fir-R&I, l-ekonomija tas-suq miftuħa bbażata fuq ir-regoli, inkluż id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, jew il-promozzjoni ta' politiki biex ittejjeb il-ġid ekonomiku u soċjali taċ-ċittadini.

F'dan is-sens, il-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I tqis fatturi differenti u taf tvarja skont il-pajjiżi biex tikkoopera ma' oqfsa u kwistjonijiet eżistenti li għandhom jiġu indirizzati. It-trasparenza hija dimensiuni importanti f'dan ir-rigward iżda jista' jkun hemm bżonn li jiġu stabbiliti xi kundizzjonijiet biex jissalvagwardjaw l-interessi tal-Unjoni. Filwaqt li r-riċerkaturi nfushom spiss huma l-leħen li jiddefendi mentalità miftuħa u l-forza li tgħaqqad tax-xjenza, huma jqajmu wkoll tħassib dwar riskji ta' mentalità miftuħa.

Meta jitqies dan kollu li ntqal hawn fuq, il-Presidenza temmen li issa hu tassew il-waqt li jsir id-dibattitu dwar l-approċċ strateġiku li l-UE għandu jkollha lejn il-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I. Fil-kuntest ta' hawn fuq, il-ministri qed jintalbu jelaboraw fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

1. *Fid-dawl tal-vantaġġi tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-R&I, kif għandhom jiġu bbilanċjati l-benefiċċji tal-kooperazzjoni fir-R&I u s-salvagwardja tal-interessi tal-Unjoni? F'liema każijiet għandha tiġi ristretta l-kooperazzjoni ma' entitajiet speċifiċi?*
 2. *Kif tista' l-UE tiżgura l-aħjar mekkaniżmi biex tiġbed talenti minn barra l-UE, filwaqt li żżomm il-ġabra ta' talenti tagħha stess?*
-